# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

**IMHALLFIN**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Lulju, 2001**

**Numru 3**

**Rikors Nru. 142/99**

**L-Avukat Dr. Jotham Scerri Diacono ghan-nom u in rappresentanza ta' l-assenti Antonia Carmela Micallef**

**vs**

**Carmelo Borg Bonaci**

**Il-Qorti,**

1. Dan hu appell minn decizjoni moghtija fit-18 ta' Ottubru, 2000, mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawa fl-ismijiet premessi, liema kawza giet deciza kontra l-intimat appellant. L-appell intavolat sar mill-appellant u fost l-aggravji tieghu semma' li l-Bord li Jirregola l-Kera ghadda ghall-prolazzjoni tas-sentenza minghajr ma qabel iddekreta r-rikors li kien gie fil-frattemp ipprezentat mill-intimat ghall-fini tas-sospensjoni tal-

prolazzjoni tas-sentenza. Dan ir-rikors fil-fatt kien ilu li gie pprezentat quddiem il-Bord in data tas-16 ta' Ottubru, 2000, jigifieri qabel ma s-sentenza giet moghtija.

2. Illi dwar dana l-aggravju, li riferibbilment ghalih l-appellant talab r-revoka tas-sentenza appellata a bazi ta' nullita' procedurali, mhux biss m'hemmx kontestazzjoni mill-kontroparti appellata imma hemm nota kongunta – ara nota annessa (Dok A) – li tikkonferma dan.

3. Illi minkejja dak kollu li gie "miftiehem" bonarjament huwa dejjem fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti li tara jekk dak li gie sottomess u mitlub hux legalment validu jew le, specjalment meta hawn si tratta ta' revoka u nullita' bbazati fuq strapp jew nuqqas ta' natura procedurali.

4. Illi wara li ezaminat l-atti u dak kollu li gie sottomess mill-partijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li tabilhaqq il-Bord li Jirregola l-Kera kien fid-dmir li qabel ma jghaddi ghas-sentenza, jiddisponi mit-talba li saritlu ghall-fini ta' sospensjoni. Seta' kien il-kaz li r-rikors ma ngiebx ghall-attenzjoni tal-gudikant minhabba xi zball jew nuqqas amministrattiv imma, hi x'inhi r-raguni, jibqa' l-fatt li r-rikors imsemmi baqa' pendenti u mhux dekretat. Fic-cirkostanzi dan jimporta nullita' ta' dak li sehh wara.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, tirrevoka s-sentenza appellata a bazi ta' nullita' u ghalhekk tordna li l-atti jintbaghtu lura quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex wara li jisma' l-provi li fadal tal-partijiet, jiddeciedi l-meritu skond il-ligi. Bi qbil bejn il-partijiet l-ispejjez gudizzjarji jigu mhallsin mill-intimat appellant.

Dep/Reg

mm